# Appell għar-restawr tal-Pala d'Altare ta' Ħal Qormi

**Joseph F. Grima**

Il-Pala d'Altare Medjevali iżda żmembrata fil-Knisja Parrokkjali ta' San Ġorġ ta' Ħal Qormi, u li saret lejn nofs is-seklu ħmistax, hi waħda mill-ftit li għadhom jeżistu f'Malta.

L-erba' komponenti ta' din ir-retable għadhom jeżistu u huma ppreservati fil-knisja stess u fil-mużew tagħha. Il-panew kbir tan-nofs, li jurina l-Madonna tad-Duluri, magħrufa wkoll bħala d-Depożizzjoni jew il-Lamentazzjoni għal Kristu, kellha mal-ġnub tagħha żewġ panewijiet iżgħar li fihom pitturi ta' San Ġorġ u ta' San Girgor filwaqt li fuqha kien hemm kurċifiss impitter tal-injam. Daż-żmien, il-panew ċentrali hu l-pittura titulari ta' artal f'wieħed mill-kappelluni, il-kurċifiss hu armat fuq l-artal tal-kor filwaqt li ż-żewġ panewijiet l-oħra huma parti mill-ġabra ta' pitturi li hemm fil-mużew parrokkjali.

Din il-pala d'altare sħiħa kienet il-pittura titulari tal-knisja parrokkjali minn madwar nofs is-seklu ħmistax sal-1632 meta postha ttieħed minn kwadru titulari ġdid li jirrappreżenta lil San Ġorġ joqtol id-Dragun impitter minn Gaspare Formica. X'aktarx li din il-pala d'altare sabet ruħha f'Ħal Qormi meta l-knisja parrokkjali (mhux dik preżenti) inbniet mill-ġdid jew tkabbret estensivament fl-1456 fi żmien il-Kappillan Don Giglio Lombardo. F'dawk iż-żminijiet, il-parti ċentrali ta' pala d'altare titulari kienu jpittru fiha l-Madonna filwaqt li l-qaddis titulari tal-knisja jew parroċċa kienu jqegħduh f'wieħed mill-panewijiet ta' maġenbha. Il-fatt li dan il-panew tan-nofs juri l-Madonna tad-Duluri hu sinifikanti meta nqisu x'kien qed iseħħ fil-kontinent Ewropew. Fl-Ewropa, it-tixrid ta' dan l-aspett Marjoloġiku ra l-bidu tiegħu mis-seklu tlettax 'il quddiem u l-ewwel festa magħrufa tal-Madonna tad-Duluri saret fl-1423.

Stilistikament, din il-pittura f'Ħal Qormi hi attribwita b'mod ċert għal madwar tletin sa erbgħin sena wara din id-data, u dan jagħmilha l-eqdem pittura eżistenti tal-Madonna tad-Duluri fil-gżejjer Maltin.

Faċli nifhmu għaliex tqiegħed kurċifiss fuq il-panew ċentrali u għaliex f'wieħed mill-panewijiet tal-ġnub insibu lil San Ġorġ, iżda ħadd ma jaf, almenu s'issa, għaliex tpitter San Girgor fuq il-panew l-ieħor billi ma jidhirx li kien hemm xi devozzjoni partikulari lejn dan il-qaddis fil-parroċċa. Iżda rridu nqisu li l-komponenti ta' pala d'altare mhux bilfors kienu jitpittru mill-istess persuna u jista' jkun li kienu jissostitwixxu l-panewijiet meta sseħħ xi bidla f'xi devozzjoni popolari. L-istil u l-evidenza teknika tal-panewijiet u tal-kurċifiss jippuntaw lejn ħanut tax-xogħol Sqalli li kien attiv fl-ewwel nofs tas-seklu ħmistax li, però, kien iħaddan flimkien numru ta' xejriet artistiċi: ir-Rinaxximent Bikri, il-Gotiku Internazzjonali u t-tradizzjoni Biżantina.



Il-Lamentazzjoni għal Kristu, tempra fuq l-injam, il-panew ċentrali tal-*pala d'altare*

Il-panew ċentrali jurina lill-Madonna mbikkma bil-mejjet Ġesù f'ħoġorha akkumpanjata minn Marija Maddalena u San Ġwann l-Evanġelista filwaqt li fl-isfond jidhru Nikodemu, Ġużeppi minn Arimatea u Veronica flimkien ma' numru ta' emblemi tal-Passjoni.

Is-sentimenti ta' tqanqil il-qlub f'din il-pittura huma fit-tradizzjoni Biżantina iżda l-pittur jixhed ukoll li kien jifhem l-istil tal-Gotiku Internazzjonali u li kien jaf ukoll bl-arti Fjamminga. Il-Kurċifiss tpitter fit-tradizzjoni tal-Gotiku Taljan u x'aktarx li kien wieħed minn numru ta' slaleb simili f'Malta, iżda x'aktarx hu l-uniku wieħed li għadu jeżisti f'pajjiżna għalkemm hemm diversi bħalu fi knejjes u mużewijiet Ewropej.

Iż-żewġ panewijiet tal-ġnub huma kontemporanji tal-panew tan-nofs iżda probabbilment tpittru minn pittur differenti jew, possibbilment, saru f'ħanut tax-xogħol ieħor fi Sqallija. Lil San Ġorġ narawh liebes armatura sħiħa Medjevali mpittra tajjeb (u mhux bl-ilbies Ruman) fuq żiemel qed jippinna waqt il-ġlieda tiegħu mad-dragun filwaqt li l-prinċipessa qed titlob biex jirbaħ. Fil-panew l-ieħor, San Girgor hu mpitter liebes ir-regalja pontifikali sħiħa u warajh hemm qaddisa li popolarment jingħad li hi Santa Venera. Iż-żewġ panewijiet tpittru fl-idjoma Gotika Internazzjonali.

Sfortunatament, dawn il-pitturi batew mhux biss mill-ħsarat li jirriżultaw sforz il-bosta snin li għaddew minn fuqhom, iżda wkoll minn brix u restawri ħżiena bl-aħħar intervent ikun minn Lazzaro Pisani fl-1919-20. Il-panew ċentrali, pinġut b'tempra fuq l-injam, intmess bil-kif biż-żebgħa taż-żejt, ċerti partijiet (inkluża s-sema) fil-panew ta' San Ġorġ reġgħu nżebgħu filwaqt li l-mantell pontifikali ta' San Girgor hu żieda li saret aktar tard. Hemm bżonn kbir li jsir restawr tajjeb u professjonali fuq l-erba' komponenti kollha.

Wara li jsir ir-restawr meħtieġ, l-ideal hu li l-erba' partijiet jerġgħu jingħaqdu flimkien bħalma kienu miż-żmien Medjevali sa madwar is-sena 1651 meta din ir-retable żżarmat. Il-parroċċa tixtieq u trid li tidħol għal dan il-proġett iżda m'għandhiex ir-riżorsi finanzjarji biex tiżgura li l-panewijiet u l-kurċifiss jinġiebu lura fl-istat oriġinali u glorjuż tagħhom.

Billi hi waħda mill-eqdem retables li hawn fil-gżejjer Maltin, din il-pala d'altare fil-fatt hi parti integrali mill-wirt nazzjonali Malti u ċertament ħaqqha li tkun ippreservata. Mill-qalb nittamaw li jkun hawn individwi u istituzzjonijiet ġenerużi, li għandhom għal qalbhom il-wirt nazzjonali Malti, li jkunu lesti jikkontribwixxu għal dan il-proġett meritatevoli. Mario Buhagiar, Professur tal-Istorja tal-Arti rispettat, li kiteb mill-anqas erba' darbiet dwar din ir-retable fil-pubblikazzjonijiet tiegħu, iddikjara kategorikament li din il-pala d'altare ħaqqha "titqies bħala fost l-aqwa pitturi Maltin tal-Medjuevu Tardiv" u li l-Kurċifiss "ħaqqu jkun aktar magħruf bħala wieħed mill-kapulavuri tal-arti Medjevali Tardiva li baqgħet teżisti f'Malta." (Il-kwotazzjonijiet huma traduzzjoni mill-Ingliż.)

(Ħajr lill-Professur Mario Buhagiar)

(L-istoriku Dr Joseph F. Grima hu membru tal-Kumitat Ġimgħa l-Kbira ta' Ħal Qormi u kien għal bosta snin is-Segretarju Onorarju tas-Soċjetà Storika ta' Malta.)



Il-Kurċifiss impitter li qabel kien fuq il-panew tal-Lamentazzjoni għal Kristu



San Ġorġ, panew tal-ġenb tal-*pala d'altare*



San Girgor, panew tal-ġenb tal-*pala d'altare*